



Brussell, 28 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

9940/21

TRANS 409
ENER 289
ENV 440
IND 173
RECH 311
COMPET 495
ECO 64

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 9684/21 REV1

Suġġett: Rapport Speċjali Nru 05/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Infrastruttura għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi: aktar stazzjonijiet għall-iċċarġjar iżda vjaġġar ikkumplikat madwar l-UE minħabba l-installazzjoni irregolari tagħhom"
- *Konklużjonijiet tal-Kunsill (28 ta' Ġunju 2021)*

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 5/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, intitolat "Infrastruttura għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi: aktar stazzjonijiet għall-iċċarġjar iżda vjaġġar ikkumplikat madwar l-UE minħabba l-installazzjoni irregolari tagħhom", kif approvat mill-Kunsill Agrifish fil-laqgħa tiegħu li saret fit-28 ta' Ġunju 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 05/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Infrastruttura għall-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi: aktar stazzjonijiet għall-iċċarġjar iżda vjaġġar ikkumplikat madwar l-UE minħabba l-installazzjoni irregolari tagħhom"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JILQA' ir-Rapport Speċjali Nru 05/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Infrastruttura għall-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi: aktar stazzjonijiet għall-iċċarġjar iżda vjaġġar ikkumplikat madwar l-UE minħabba l-installazzjoni irregolari tagħhom", filwaqt li jinnota li r-Rapport ma jesplorax ir-raġunijiet li jispjegaw l-installazzjoni irregolari tal-istazzjonijiet tal-iċċarġjar elettriku madwar l-UE.
2. JIRRIMARKA li r-Rapport Speċjali jiddikjara li l-fokus tiegħu hu li jivvaluta l-effettività tal-appoġġ tal-Kummissjoni għall-istallazzjoni ta' infrastruttura għall-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi fl-Unjoni kollha u li jkunu aċċessibbli mill-pubbliku matul il-perijodu 2014-2020.
3. JAQBEL li, filwaqt li sar progress fil-promozzjoni tal-elettromobbiltà fl-UE kollha, u lejn provvista aħjar ta' infrastruttura tal-iċċarġjar flimkien man-network ewlieni tan-network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T), għad hemm ostakli importanti għall-ivvjaġġar madwar l-UE bil-vetturi elettriċi. JIFHEM li għad hemm sfidi serji biex jiġi żgurat kontribut sostanzjali tal-elettromobbiltà għall-oġettiv tad-Direttiva 2014/94/UE¹ dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi, biex tiġi minimizzata d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u biex jittaffa l-impatt ambjentali tat-trasport.

¹ Ġ.U. L 307/1, 28.10.2014

4. JIEĦU NOTA li l-Kummissjoni tirrikonoxxi kull waħda mir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri u JAPPOĠĠA l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport Speċjali.

F'dan il-kuntest:

5. JISTIEDEN lill-Kummissjoni, meta tkun qed tirrieżamina u tirrevedi d-Direttiva 2014/84/UE u r-Regolament (UE) Nru 1315/2013² dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport, biex tikkunsidra li tipproponi rekwiżiti ċari, konsistenti u xierqa għall-infrastruttura għall-iċċarġjar elettriku, li għandhom japplikaw għan-network tat-TEN-T. Filwaqt li jiżguraw konnettività transfruntiera bażika, dawn jenħtieġ li jqisu l-punti ta' tluq differenti u ċ-ċirkostanzi nazzjonali speċifiċi tal-Istati Membri.
6. JAQBEL li jista' jiġi valutat pjan direzzjonali strateġiku tal-UE għall-miri tal-elettromobbiltà u l-infrastruttura tal-iċċarġjar, kif ukoll għall-iżvilupp ta' analiżi tad-distakk fl-infrastruttura biex jiġi identifikat fejn hemm l-aktar nuqqas ta' punti tal-iċċarġjar fin-network tat-TEN-T; JIRRAKKOMANDA li għandhom jiġu esplorati sinerġiji bejn it-TEN-T u n-Network Trans-Ewropew tal-Enerġija (TEN-E), kif previst fir-Regolament dwar il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE); JAQBEL ukoll li tali analiżi tad-distakk tenħtieġ tkun waħda mill-elementi li għandhom jitqiesu fil-finanzjament tal-elettromobbiltà skont il-FNE.

² Ġ.U. L 348/1, 20.12.2013.

7. Bil-ħsieb li jiġu żgurati l-investimenti magħmula u l-parti tal-baġit tal-UE allokata għall-istallazzjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar, IQIS li r-rati tal-użu tal-istazzjonijiet kofinanzjati jenħtieġ li jiżdiedu, u f'dan ir-rigward JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tqis li tinkludi, fil-ftehimiet ta' għotja, klawżola ta' sostenibbiltà li tirrikjedi li l-infrastruttura kofinanzjata tibqa' topera u disponibbli għall-utenti għal perijodu minimu wara l-istallazzjoni, kif ukoll tipprovdi aċċess effettiv mhux diskriminatorju għall-utenti kollha ta' dawk l-istazzjonijiet. JOSSERVA wkoll li data dinamika għal prezzijiet ad hoc u d-disponibbiltà, kif ukoll l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' pagament li jservu l-infrastruttura tal-iċċarġjar fl-UE kollha, huma elementi importanti biex tiġi żgurata esperjenza tal-ivvjaġġar transfruntier mingħajr xkiel, u li jenħtieġ li l-isforzi f'din id-direzzjoni jkunu akkumpanjati mir-riżorsi adatti.
8. JILQA' l-fatt li l-Kummissjoni tkompli tidentifika u tindirizza, fejn xieraq, il-punti ta' konġestjoni għall-użu tal-finanzjament tal-FNE għall-introduzzjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar elettriku madwar l-UE kollha kemm hi. IFAKKAR li strumenti oħra ta' finanzjament minbarra l-FNE huma disponibbli wkoll fil-livell tal-UE għall-appoġġ tal-istallazzjoni ta' network ta' infrastruttura tal-iċċarġjar, u dik l-artikolazzjoni fost tali strumenti hija meħtieġa biex jiġi żgurat użu effiċjenti ta' tali riżorsi.
-